**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Lulju, 2019

Rikors Numru: 152/19 AL

**A B**

Vs

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi hija żżewġet lill-intimat C D fit-tmintax ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (18.11.2006) fil-Knisja Parrokjali dedikata lil San Gużepp, Msida u ż-żwieġ ta' dina l-koppja ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 2189/2006 (Ċertifikat taż-żwieġ anness Dok A).

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella fid-dsatax (19) ta’ Frar tas-sena elfejn u tlettax (19.02.2013)- (Kopja tal-Kuntratt ta’ Separazzjoni- Dok B)

3. Illi l-partijiet ma kellhomx ulied minn dan iż-żwieġ.

4. Illi għaddew aktar minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-liġi għal-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju bejn il-partijiet.

Talbet li l-intimat jgħid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara li ż-żwieġ tagħha ma’ Herman Pisani hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-liġi u biex tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ April, 2019;

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat illi l-intimat, fuq domanda tal-Qorti, wieġeb li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-

partijiet ilhom legalment separati sa mid-19 ta’ Frar, 2013, u illi ghaddew aktar minn erba` snin mid-data tas-separazzjoni;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;